MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Numru. 860/2004

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTHONY CASSAR)**

**KONTRA**

**ZOUHAIR AHMAD AL GHAZAL ta’ 40 sena, bin Ahmad u Linda nee’ Gadar, imwieled f’Beyrouth nhar l-1 ta’ Settembru, 1967, residenti fil-fond 12, Flat 1, Triq il-Friefet, Marsascala, detentur tal-passaport bin-numru 2069981 mahruf f’Ruma fl-20 ta’ Marzu, 2003;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Zouhair Ahmad Al Ghazal li gie akkuzat talli:

Fi Pjazza Mifsud Bonnici, u f’inhawi ohra f’Marsascala, nhar il-Gimgha 17 ta’ Settembru, 2004, ghall-habta ta’ xi s-siegha ta’ fil-ghodu:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Joseph John Grech minn Wied il-Ghajn f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, kif iccertifika Dr Stephen Spiteri MD mill-Kalkara, liema feriti huma ta’ natura hafifa izda li jistghu jgibu konsegwenzi gravi;

2. U aktar talli hedded lil Joseph John Grech bil-kliem;

3. U aktar talli uza xi sistema ta’ telekomunikazzjoni provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu min proveditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;

4. U aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’xi mod iehor;

5. U aktar talli ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid u dan anke jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

6. U kif ukoll talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Joseph John Grech minn Marsascala kif ukoll ta’ Lucienne Busuttil mill-Hamrun, weggaghhom bi kliem, b’gesti, jew kitba, jew b’xi mod iehor.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li inoltre kien ta il-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat il-provi kollha prodotti – in partikolarment l-istqarrija ta’ l-imputat, ix-xhieda ta’ Lucienne Busuttil u ta’ l-Ispettur Anthony Cassar li senjalament tkellem ma’ haddiehor fir-restaurant li fih gara l-incident, certu Youssef Hassan Tuman. Dan Tuman skond l-Ispettur Cassar qal li ghall-habta tas-1.00am gie klijent u servieh, dan kien bil-qieghda fuq mejda barra, sema’ hgieg jinkiser, hareg

barra, u sab lil dan il-klijent f'taqtiegha fizika ma' ragel iehor. Hu kien ipprova iferraqhom. Stranament, dan il-barrani, li seta' kkorabora dak li stqarr l-akkuzat cioe' li gie attakkat, ma ngabx jixhed.

Rat ukoll il-verbali maghmula fl-ahhar seduta mill-Avukat Difensur u l-avukat tal-parte civile, fejn gie registrat illi kienu qed jigu renunzjati dawk l-azzjonijiet kollha renunzjabbli. Gie verbalizzat ukoll illi l-imputat kien qieghed jiddikkjara li wara li ha konjizzjoni ulterjuri tad-dinamika ta' l-incident mertu tal-provi bejnu u bejn Joseph John Grech, issa kien jemmen li per azzjoni tieghu kif sehh dan l-incident ma kinitx tikkombaca kompletament mal-mod kif xehed dwar il-fatti quddiem il-Magistrat Dr Lawrence Quintano. Hawn kienet qed issir referenza ghal kawza pendenti kontra l-parte civile, l-imsemmi Grech.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ghalkemm tifhem ir-renunzja fil-konfront ta' dawk l-akkuzi, certament ma tifhimx it-tieni parti tal-verbal dwar dak li seta' xehed l-akkuzat, fouri din il-kawza fi proceduri ohra. Frankament fil-konfront ta' l-akkuzat din il-Qorti tista' tistrieh fuq l-istqarrija ta' l-akkuzat.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-akkuzat certament li mill-ebda prova migjuba ma tirrizulta l-ewwel(1) akkuza, fil-fatt hadd ma verament assista ghall-glieda bejnu u bejn Grech, oltre hekk Grech innifsu ghazel li ma jixhidx.

Ghaldaqstant Zouhair Ahmad Al Ghazal qieghed jigi liberat fil-konfront tal-ewwel(1) akkuza;
Illi fil-konfront tat-tieni(2), hames(5), u s-sitt(6) akkuzi, tqis il-procediment bhala wiehed ezawrit;
Fil-konfront tat-tielet(3) akkuza, wara li ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Dr Etienne Calleja, u diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif preseduta, tillibera lil Zouhair Ahmad Al Ghazal, in kwantu certament dak ir-reat ma jirrizultax. Daqstant iehor ma jirrizultax ir-raba'(4) reat

addebitat in kwantu ma ngab ebda xhud okulari in sostenn ta’ l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------